MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 513/2002/1

**Citaz Nru: 513/02 JA.**

**Av. Carmel Chircop ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Compagnia Generale Telmar Spa.**

**-vs-**

**Av. Richard Sladden u l-P.L. Liliana Buhagiar b' digriet tat-28 ta' Mejju, 2002 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Desert Falcon Maritime Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-6 ta' Mejju, 2002 li bih l-attur nomine ppremetta:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici fis-somma ta' datax il-elf u hames mitt Liri Maltin (Lm19,500) rappresentanti forniment, servizzi u hlas ta' licenzji moghtija lill-bastiment

MV Falcon proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, registrat Malta b' numru ufficjali 2282 – Call Sign 9H3153;

Illi sa fejn taf is-socjeta' atrici, l-unika proprjeta li s-socjeta' konvenuta ghandha huwa l-bastiment fuq imsemmi u ghalhekk il-bastiment huwa l-unika proprjeta li tsita' taghmel tajjeb ghall-ammont dovut lis-socjeta' attrici;

Illi jekk il-bastiment fuq imsemmi ma' jibqax aktar propjeta' tas-socjeta' konvenuta jew jekk jigu kostitwiti aktar ipoteki navali [mortgages] fuq il-bastiment id-drittijiet tas-socjeta' attrici jigu eluzi u ghalhekk l-istess socjeta' attrici ghandha interess illi, sabiex jigu kawtelati d-drittijiet taghha, l-imsemmi bastiment ma' jigix trasferit lil terzi u ma' johrogx mill-patrimonju tas-socjeta' konvenuta kif wkoll ma jigux kostitwiti u registrati aktar ipoteki navali fuq l-istess bastiment;

Li a tenur tal-Artikolu 37 tal-Att XI tal-1973 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Bastiment Merkantili din l-Onorabbli Qorti tista illi ma' jsir ebda negozju fil-bastiment jew f' xi sehem minnu sakemm il-vertenza bejn il-partijiet tinqata fis-sede kompetenti;

Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. tordna li jigi pprojbit kull negozju ta' kwalsiasi natura fil-bastiment MV Falcon jew f' xi sehem minnu;

2. tordna li ma ghandu jsir l-ebda bejgh u/jew trasferiment tal-istess bastiment MV Falcon jew f' xi sehem minnu;

3. tordna li ma ghandu jsir ebda bejh jew trasferiment tal-ishma tas-socjeta' konvenuta Desert Falcon Maritime Limited, sid l-istess bastiment MV Falcon;

4. tordna li ma ghandu jsir ebda registrazzjoni ta' kwalunkwe mortgage jew ipoteka fuq il-bastiment MV Falcon;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa mill-attur nomine fis-6 ta' Mejju, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati pprezentata fl-24 ta' Settembru, 2002 li permezz taghha eccepew:

1. Illi l-eccipjenti m' humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-Kuraturi Deputati.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat:

Illi l-attur nomine esebixxa numru ta' dokumenti biex jissostanzja t-talba tieghu, komprizi affidavit ta' rappresentant tas-socjeta' estera minnu rappresentata;

Illi l-konvenuti ma' pproducewx provi u ghalhekk it-talbiet attrici mhumhiex kontradetti;

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur nomine kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti, b' dan illi provizzorjament id-drittijiet tal-kuraturi jithallsu mill-attur nomine.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------